MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 24/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors  tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar is-26 ta’ Novembru 1989, minn liema zwieg twieldu tlett ulied, P, li twieled fl-10 ta’ Settembru 1990, C, li twieled fil-25 ta’ Lulju 1992, u Nicholas li twieled fil-15 ta’ Dicembru 1995;

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni tad-29 ta’ Mejju 2006 ffirmat gewwa Brampton, Provincja ta’ Ontario, gewwa l-Kanada, kopja legali ta’ liema ftehim tinsab hawn annessa u mmarkata Dok A;

Illi dwar manteniment jinghad li t-tfal huma lkoll maggorenni. Hemm ftehim fis-sehh li l-esponent jivversa l-ammont ta’ tlett mija u hamsa u ghoxrin ewro (€325.00) fix-xahar lil kull wiehed minn uliedu peress li lkoll ghadhom jistudjaw u l-esponent josserva skrupolozament dan il-ftehim. Jinghad ukoll li l-esponent ihallas nofs l-ispejjez edukattivi, tas-sahha u ta’ alloggar f’kaz ta’ safar tat-tfal;

Illi l-partijiet ilhom jghixu hekk mifrudin u indipendentement minn xulxin ghal dawn l-ahhar seba’ (7) snin, sa minn qabel Mejju tal-2006, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw il-kriterji imposti mill-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex iz-zwieg taghhom jigi xolt;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tordna li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet nhar is-26 ta’ Novembru 1989 jigi mahlul;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien iffissat minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi l-esponenti qeghda topponi ghat-talba tal-attur zewgha ghal hall taz-zwieg taghhom peress illi, kif inhu evidenti fil-kuntratt ta' separazzjoni esebit mill-attur, il-materja tal-manteniment **tal-ulied tal-partijiet** u **tal-istess partijiet** ma giex regolat – ghad illi l-partijiet kienu sa ftit ilu qeghdin jittentaw jirregolaw dan kollu permezz ta' kuntratt, izda din id-diskussjoni tidher illi giet mitmuma meta l-attur ipprezenta dawn il-proceduri;
2. Illi dan in-nuqqasijiet iwasslu ghal diffikultajiet illi jipprekludu illi t-talba tar-rikorrent tigi milqugha;

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ghal pronunzja ta' divorzju da parti tar-rikorrent.

Illi permezz tar-rikors promotur tieghu r-rikorrent jiddikjara li l-partijiet izzewgu nhar is-26 ta' Novembru 1989 u frott ta' dan iz-zwieg twieldu tliet ulied u cioe' Philip, Christopher u Nicholas li huma maggorenni. Jiddikjara wkoll li hu u l-intimata sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat id-29 ta' Mejju 2006[1] u li m'hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom ghalkemm izid jghid ukoll li bejn il-partijiet hemm ftehim fis-sehh u li permezz tieghu ir-rikorrent ihallas is-somma ta' €325 fix-xahar bhala manteniment ghal uliedu stante li huma ghadhom jistudjaw.

Illi permezz tar-risposta taghha, l-intimata tikkontendi li l-kuntratt ta' separazzjoni ma jirregolax il-kwistjoni ta' manteniment tal-ulied b'dan li l-partijiet kienu qed jiddiskutu u jittentaw li jirregolaw dan permezz ta' kuntratt izda tali diskussjonijiet gew mitmuma hekk kif gew intavolati l-proceduri odjerni.

[1] Ara l-kuntratt esebit a fol 3 tal-process

Ghalhekk jidher li l-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija dik relatata mal-manteniment tal-ulied li ghalkemm huma magorenni, ghadhom jistudjaw. Xejn aktar m'huwa kkontestat u ghalhekk, il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddiskuti biss l-Artikolu 66B(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta s*tante* li jidher li m'hemm ebda kontestazzjoni dwar il-moghdija ta' zmien ta' erba' snin mis-separazzjoni tal-partijiet jew li m'hemmx possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin.

Il-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 66B tal-Kap. 16 li jelenka r-rekwiziti ghall-ottjeniment ta' divorzju u cioe', din il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

***(a)***"***Fid-data li jibdew il-proceduri ta' divorzju, il-mizzewgin ikunu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti, jew ikunu ghaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b)Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u***

***(c)Il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkustanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-Artikolu 57.."***

Kif inghad aktar 'il fuq, huwa l-artikolu 66B(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa l-punt krucjali tat-talba odjerna u cioe' jekk il-manteniment allegatament dovut lill-intimata u li hu relattiv ghall-ulied li issa saru maggorenni huwiex ta' impediment ghal dikjarazzjoni ta' divorzju jew le.

Naturalment, sabiex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni taghha, trid necessarjament tirreferi ghal Artikolu 57 tal-Kap. 16 li jsegwi hekk:

"***Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jigu fdati l-ulied minuri tal-mizzewgin, il-mizzewgin jibqghu fil-jedd li jaraw li kollox qieghed isir sewwa ghal dak li huwa manteniment u edukazzjoni u jibqghu obbligati li johorgu s-sehem li jmisshom ghall-manteniment u l-edukazzjoni skond il-ligi***".

Jidher car li l-Artikolu hawn citat huwa applikabbli ghal ulied li huma minuri u dan minghajr ebda ombra ta' dubju. Ghalhekk, gialadarba l-Artikolu 57 tal-Kap. 16 li jisemma fl-Artikolu 66B(c) tal-istess Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa applikabbli ghal minuri, huwa fl-isfond ta' manteniment mhux imhallas fil-konfront ta' minuri li r-rekwizit (c) tal-Artikolu 66B ma jkunx sodisfatt. F'dan l-istadju ssir referenza ghar-rikors ta' divorzju fl-ismijiet **Micallef Raymond vs Micallef Rita** (Referenza 385/2011NC) deciza nhar il-31 ta' Mejju 2012 fejn l-istess Onorabbli Qorti sostniet l-inapplikabbilita' tal-artikolu 66B(c) fejn hemm manteniment mhux imhallas ghal ulied li huma maggorenni. Dan ghaliex l-istess ulied li llum huma maggorenni ghandhom id-dritt *ex lege* li jitolbu manteniment minghand il-genituri taghhom fuq il-bazi tal-Artikolu 3B(2)(a) taht il-kondizzjonijiet hemm indikati.

Minghajr pregudizzju ghal dak suespost, il-Qorti tirrileva li permezz tad-dokumenti esebiti[2] jirrizulta li huwa minnu li r-rikorrent ihallas il-manteniment versu wliedu u jikkontribwixxi wkoll fl-aspett edukattiv taghhom, anke in vista tal-fatt li l-intimata tikkonferma dan. Irid jinghad ukoll li llum il-gurnata l-istess ulied ma jghixux mal-intimata[3] u ghalhekk, dak citat aktar 'il fuq ghandu aktar rilevanza *stante* li l-istess ulied lanqas biss jghixu taht l-istess saqaf tal-intimata u konsegwentement, jekk ghandhom bzonn l-ghajnuna waqt iz-zmien tal-istudju taghhom (liema ghajnuna tidher li qed tithallas mill-istess rikorrent), allura ghandhom ikunu l-istess ulied li jitolbu dan u mhux illi t-talba ghad-divorzju tigi opposta mill-intimata abbazi tal-fatt li hija tixtieq li tali manteniment ikun regolat.

---

[2] Ara Dok. C – F esebiti man-nota datata l-15 ta' April 2014
[3] Ara l-affidavit tar-rikorrent a fol 16 tal-process

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------